

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 30.9.2010
KUMM(2010) 537 finali

2010/0266 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Allinjament mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat) jagħmel distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv kif stipulat fl-Artikolu 290(1) tat-Trattat (atti ta' delega), u s-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni biex tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti vinkolanti legalment tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 291(2) tat-Trattat (atti ta' implimentazzjoni).

Fil-każ ta' atti ta' delega, il-Leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti kważi leġiżlattivi. Fil-każ ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kuntest huwa differenti ħafna. Tabilħaqq, l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni Ewropea vinkolanti legalment. Madankollu, jekk l-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv tesiġi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħha l-Kummissjoni hija awtorizzata tadotta dawn l-atti.

L-eżerċizzju ta' allinjament tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005¹ dwar regoli ġodda tat-Trattat huwa msejjes fuq klassifikazzjoni abbażi tal-filosofija l-ġdida – taħlita ta' miżuri ta' natura implimentattiva u miżuri ta' natura ddelegata – tas-setgħat ta' implimentazzjoni attwali tal-Kummissjoni li kienu adottati abbażi tar-Regolamenti (KE) Nru 1974/2006 u Nru 1975/2006.

Wara dan l-eżerċizzju, kien tħejja abbozz ta' proposta għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Dan il-proġett jagħti lil-Leġiżlatur is-setgħa li jiddefinixxi dak li huwa essenzjali fil-politika tal-iżvilupp rurali. Il-linji gwida ġenerali tal-politika u l-prinċipji ġenerali li fuqhom hija bbażata jkunu ddeterminati mil-Leġiżlatur. Għalhekk, l-għanijiet ta' dik il-politika partikolari u l-prinċipji ta' approċċ strateġiku, programmar, komplementarjetà, konsistenza u konformità ma' politiki oħra tal-Unjoni huma ffixxati mil-Leġiżlatur. Bl-istess mod, il-Leġiżlatur jistipula l-prinċipji ta' sħubija, sussidjarjetà u ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat, il-Leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni l-kompitu li tikkompleta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tal-iskema tiegħu. Att ta' delega tal-Kummissjoni għalhekk jista' jiddetermina l-elementi addizzjonali meħtieġa għall-funzjonament kif suppost tal-iskema stabbilita mil-Leġiżlatur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' delega biex tadotta eċċezzjonijiet għar-regola li ebda appoġġ għal żvilupp rurali ma għandu jingħata lil skemi eliġibbli għal appoġġ taħt organizzazzjonijiet tas-suq komuni (l-Artikolu 5(6)). Bl-istess mod, il-Leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta kundizzjonijiet dettaljati dwar il-miżuri u l-għajnuna teknika kollha biex tkun żgurata l-applikazzjoni koerenti tagħhom skont ir-rekwiżiti tal-politika, il-prijoritajiet u l-liġi tal-UE (l-Artikoli 20, 32, 36, 38, 52, 63 u 66). Minbarra dan, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' delega dwar regoli dettaljati għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet (l-Artikolu 51(4)). Barra min hekk, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi valur tal-limitu għall-flessibbiltà għal kull assi (l-

¹ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

Artikolu 70(1)), u għandha tiddefinixxi regoli dettaljati għal għamliet oħra ta' appoġġ li ma jkunux għajjnuna diretta li ma titħallasx lura (l-Artikolu 71(5)). Il-Kummissjoni għandha tiffissa regoli dettaljati ta' kontroll (l-Artikolu 74(4)). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri tranżizzjonali speċifiċi (l-Artikolu 92(1)).

L-Istati Membri, skont l-Artikolu 291 tat-Trattat, huma responsabbli li jimplimentaw l-iskema stabbilita mil-Leġislatur. Madankollu, jidher li meħtieġ li tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-iskema fl-Istati Membri sabiex jiġu evitati tgħawwiġ tal-kompetizzjoni jew diskriminazzjoni bejn l-operaturi. Għalhekk il-Leġislatur jagħti lill-Kummissjoni s-setgħat ta' infurzar, skont l-Artikolu 291, il-paragrafu 2 tat-Trattat, fir-rigward tal-kundizzjonijiet uniformi għall-preżentazzjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali (l-Artikolu 18(3)), l-approvazzjoni ta' programmi (l-Artikolu 18(4)), l-approvazzjoni ta' reviżjoni ta' programmi (l-Artikolu 19(2)), id-determinazzjoni ta' bidliet li jkunu jeħtieġu approvazzjoni b'deċiżjoni tal-Kummissjoni (l-Artikolu 19(2)), perijodi itwal ta' impenji (l-Artikoli 39(3), 40(2) u 47(1)), dispożizzjonijiet speċifiċi dwar denominazzjoni ta' żoni (l-Artikolu 50(4)), l-istabbiliment u l-operat tan-netwerk rurali nazzjonali (l-Artikolu 66(3)), il-preżentazzjoni ta' rapporti annwali speċifiċi (l-Artikolu 82(4)), qafas ġenerali ta' kontrolli u qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw (l-Artikoli 74(4) u 80).

1.2. Tnaqqis tal-għadd ta' rapporti sommarji u semplifikazzjoni tal-kontenut tagħhom b'monitoraġġ strateġiku

Bħala parti mill-eżerċizzju ta' semplifikazzjoni tal-PAK, l-Istati Membri talbu li jitnaqqsu l-għadd ta' rapporti lill-Kummissjoni. Taħt l-iżvilupp rurali, minbarra r-rapporti annwali ta' progress, l-Istati Membri huma meħtieġa jibagħtu lill-Kummissjoni rapporti sommarji li jiddeskrivu l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet u l-għanijiet ta' strateġija nazzjonali tagħhom u l-kontribut tagħhom għall-kisba tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji.

Skont ir-regoli attwali, dawn ir-rapporti sommarji għandhom jintbagħtu kull sentejn, li jibdwu mill-2010 u jintemmu fl-2014, i.e. b'kollox tliet rapporti. Il-proposta għandha tillimita l-għadd ta' rapporti għal tnejn, l-ewwel wiehied jintbagħat fl-2010 u t-tieni wiehied fl-2015, tal-ewwel fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, u tal-aħħar tal-evalwazzjoni *ex post*.

Minbarra dan, attwalment jeħtieġ li r-rapport jagħti fil-qosor ir-rapporti annwali tal-progress tas-sena ta' qabel. Dan ir-rekwiżit għandu jitneħħa minħabba li jirdoppja x-xogħol.

Konsegwentement, l-għadd ta' rapporti tal-Kummissjoni li jagħtu fil-qosor l-iżviluppi, ix-xejriet u l-isfidi ewlenin b'rabta mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' strateġija nazzjonali u l-linji gwida strateġiċi Komunitarji għandu wkoll jitnaqqas għal tnejn, wiehied fl-2011 u t-tieni wiehied fl-2016.

1.3. Estensjoni tal-miżura ta' kopertura għal gruppi ta' produttori

B'segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Katina tal-Provvista Alimentari fl-Ewropa li Taħdem Aħjar u għall-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Ħalib, id-dispożizzjoni attwali ta' appoġġ għall-istabbiliment u l-amministrazzjoni operattiva ta' gruppi ta' produttori, li diġà hija disponibbli għas-setturi kollha fl-Istati Membri l-ġodda, għandha tiġi estiża biex tkopri wkoll l-UE-15. Madankollu ma għandhiex tkun permessa l-possibbiltà li gruppi ta' produttori fis-settur tal-frott u l-ħxejjex jingħataw appoġġ minħabba li jeżistu possibbiltajiet biex l-attivitajiet tagħhom jingħataw appoġġ taħt l-Artikolu 103b-103g tal-OKS unika.

1.4. Faċilitar ta' użu aktar personalizzat tas-servizzi ta' konsulenza

Ukoll bħala parti mill-eżerċizzju ta' semplifikazzjoni tal-PAK, l-Istati Membri pproponew li jinbidlu r-regoli għall-użu tas-servizzi ta' konsulenza. Bħalissa r-regoli jesigū li, bħala minimu, is-servizz ta' konsulenza lill-bdiewa għandu jkopri r-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-kundizzjonijiet ambjentali u agrikoli tajbin skont il-kundizzjonalità, kif ukoll l-istandards ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol imsejsin fuq il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Biex jiġi ffaċilitat l-użu aktar personalizzat tas-servizzi ta' konsulenza u biex ikunu riflessi l-ħtiġijiet individwali tal-benefiċjarju, is-servizz ta' konsulenza pprovdut ma jkunx meħtieġ ikopri l-aspetti kollha elenkati, iżda wieħed jew aktar minnhom.

1.5. Karatteristiċi lineari kontinwi u mezzi ta' passaġġ

Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Habitats, l-Istati Membri għandhom jagħmlu li jistgħu, fejn jidhrilhom li jkun meħtieġ, għall-pjanijiet dwar l-użu tal-artijiet u fil-politiki ta' żvilupp tagħhom u, b'mod partikolari, bil-għan li tissaħħaħ il-koerenza ekoloġika tan-netwerk ta' Natura 2000, biex tithegġegħ il-ġestjoni ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ li jkunu ta' importanza kbira għall-fawna u l-flora slavaġ.

Karatteristiċi bħal dawn huma dawk li, minħabba l-istruttura lineari u kontinwa tagħhom (bħax-xmajjar bix-xtut tagħhom jew is-sistemi tradizzjonali għall-immarkar ta' konfini bejn l-għelieqi) jew minħabba l-funzjoni tagħhom bħala mezzi ta' passaġġ (bħal għadajjar jew imsaġar żgħar), huma essenzjali għall-migrazzjoni, it-tixrid u l-iskambju ġenetiku ta' speċijiet slavaġ.

Dawn l-oqsma jista' jkollhom rwol importanti għall-koerenza ta' żoni ta' Natura 2000, u għandhom jiġu inklużi dispożizzjonijiet rilevanti biex jippermettu pagamenti ta' Natura 2000 għal dawn iż-żoni ta' protezzjoni tan-natura delimitati fuq livell nazzjonali, jekk tingħata ġustifikazzjoni biżżejjed li torbothom mal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Habitats. Sabiex jiġi żgurat li l-pagamenti jibqgħu primarjament jintużaw għas-siti ta' Natura 2000 deżinjati, jidher li jkun xieraq li l-proporzjon tagħhom jiġi llimitat meta mqabbel maż-żoni tan-Natura 2000. Madankollu, din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-isforzi tal-Istati Membri taħt id-Direttiva dwar il-Habitats relatati mat-tħeġġiġ ta' ġestjoni ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ li huma ta' importanza kbira għall-fawna u l-flora slavaġ u ma tippreġudikax il-kwistjoni dwar x'jikkostitwixxi implimentazzjoni adegwata tal-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Habitats.

1.6. Segwitu għal nuqqasijiet ta' konformità mal-kundizzjonalità

Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-għażla li jqisu nuqqas ta' konformità bħala xi ħaġa minuri jew le biex japplikaw tnaqqis jew esklużjoni fejn l-ammont konċernat ikun anqas minn EUR 100. Attwalment, l-awtorità ta' kontroll kompetenti għandha, fis-sena ta' wara, tiżgura li l-bidwi jirrimedja s-sejbiet tan-nuqqas ta' konformità konċernata. Madankollu, fid-dawl tas-semplifikazzjoni u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, għandha titqies is-semplifikazzjoni tas-sistema ta' kontrolli ta' segwitu.

1.7. Introduzzjoni ta' element ta' inċentiv għall-miżuri li jaqgħu taħt l-Artikolu 43 tat-Trattat

Sabiex titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni, kull miżura ta' għajjnuna għandu jkollha xi element ta' inċentiv jew tkun tesiġi xi kontroparti min-naħa tal-benefiċjarju. Għajjnuna li

tingħata b'mod retroattiv fir-rigward ta' attivitajiet li jkunu twettqu diġà mill-benefiċjarju, ma tistax titqies li jkollha l-element meħtieġ ta' inċentiv. Madankollu, għal miżuri ta' Żvilupp Rurali kofinanzjati approvati skont l-Artikolu 43 tat-Trattat, bħalissa ma hemmx rekwiżit ta' effett ta' inċentiv stipulat fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, ħlief fil-każ ta' miżura ta' għajjnuna komplimentari li għaliha, filwaqt li hija approvata bħala parti mill-ipprogrammar u ma teħtieġx proċess ta' notifikazzjoni separat, japplikaw regoli agrikoli ta' għajjnuna tal-Istat. Għalhekk l-għoti ta' għajjnuna b'mod retroattiv għandu jiġi pprojbit ukoll għal miżuri agrikoli kofinanzjati u għandha tkun ipprovduta data tal-bidu tal-eliġibbiltà.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm il-ħtieġa għal konsultazzjoni ma' partijiet interessati jew ta' għarfien espert.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma kienx hemm il-ħtieġa għal valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Identifikazzjoni tas-setgħat ta' delega u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 u l-istabbiliment tal-proċedura korrispondenti għall-adozzjoni ta' dawn l-atti.

Minbarra dan, jiddaħħlu xi elementi ta' semplifikazzjoni, titkabbar il-kopertura tal-appoġġ għall-istabbiliment ta' gruppi ta' produttori, l-appoġġ ta' Natura 2000 jiġi estiż għal żoni msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (92/43/KEE) u jiddaħħal element ta' inċentiv għal miżuri approvati skont l-Artikolu 43 tat-Trattat.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt kompetenza maqsuma bejn l-UE u l-Istati Membri u hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla ta' strumenti**

Strument propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni li ġejja: Regolament għandu jkun emendat b'Regolament.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-miżura ma tinvolvi l-ebda infiq addizzjonali għall-Unjoni.

5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- **Semplifikazzjoni**

L-emendi rigward il-kundizzjonalità, ir-rappurtar strateġiku u l-użu ta' servizzi ta' konsulenza jirrappreżentaw semplifikazzjoni importanti u jikkontribwixxu biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea²,

Wara t-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005⁶ jikkonferixxi setgħat lill-Kummissjoni sabiex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.
- (2) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat ikkonferiti skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 lill-Kummissjoni jeħtieġ li jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat).
- (3) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 290 tat-Trattat biex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. L-elementi li għalihom dik is-setgħa tista' tiġi eżerċitata għandhom ikunu ddefiniti, kif ukoll il-kundizzjonijiet li għalihom hija soġġetta dik id-delega.
- (4) Sabiex tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat. Ħlief fejn jingħad espliċitament xort'oħra, il-Kummissjoni għandha tadotta daww l-atti ta' implimentazzjoni skont id-

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar...

- (5) Xi wħud mid-dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp rurali li ġew adottati sa issa mill-Kummissjoni skont is-setgħat ikkonferiti lilha bir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 huma meqjusa ta' importanza tali li għandhom jiġu inkorporati f'dak ir-Regolament.
- (6) Sabiex tkun żgurata preżentazzjoni uniformi ta' aġġornamenti ta' pjanijiet ta' strateġija nazzjonali mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tistabbilixxi regoli uniformi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
- (7) L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma meħtieġa jirrappurtaw dwar il-monitoraġġ tal-istrateġija nazzjonali u Komunitarja. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u biex ikun evitat xogħol doppju, l-għadd ta' rapporti sommarji strateġiċi mibgħuta minn kull Stat Membru għandu jitnaqqas għal tnejn u l-kontenut tagħhom għandu jkun issemplifikat.
- (8) Sabiex ikun żgurat li l-valutazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali mibgħuta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 tkun tista' ssir b'mod uniformi u komparabbli, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli uniformi għall-preżentazzjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali.
- (9) Fl-interess taċ-ċertezza legali, programmi ta' żvilupp rurali għandhom ikunu approvati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
- (10) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u l-effiċjenza fl-adozzjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tistipula l-proċeduri rilevanti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
- (11) Il-Kummissjoni għandha wkoll, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjonijiet dwar talbiet għal reviżjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali wara li tali talbiet jintbagħtu mill-Istati Membri.
- (12) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza u l-effiċjenza fir-reviżjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula l-proċeduri rilevanti.
- (13) L-użu ta' servizzi ta' konsulenza għandhom jgħinu lill-bdiewa biex jivvalutaw il-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli tagħhom u jidentifikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ġestjoni statutorja u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, kif ipprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa⁷ u l-istandards Komunitarji b'rabta mas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Meta jitqies li l-appoġġ għall-użu ta' servizzi ta' konsulenza diġà ilu jeżisti għal diversi snin, għandu jiġi ffaċilitat użu aktar personalizzat tas-servizzi ta' konsulenza, biex ikunu riflessi aħjar il-ħtiġijiet individwali tal-benefiċjarju.

⁷ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

- (14) B'segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Katina tal-Provvista Alimentari fl-Ewropa li Taħdem Aħjar u l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-*Ħalib*⁸, il-possibbiltajiet attwali ta' finanzjament għal appoġġ għall-istabbiliment u l-operat amministrattiv ta' gruppi ta' produttori għandhom jiġu estiżi għall-Istati Membri kollha. Madankollu, biex jiġu evitati każijiet fejn appoġġ jista' jingħata fl-istess waqt minn sorsi differenti, għandu jiġi eskluż l-appoġġ għall-istabbiliment ta' gruppi ta' produttori fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.
- (15) Impenji multiannwali skont ċerti miżuri normalment għandhom jitwettqu, bħala regola ġenerali, għal perjodu bejn ħames u seba' snin. Fejn ikun meħtieġ u ġġustifikat, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tapprova programmi ta' żvilupp rurali li jkollhom perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji sabiex jitqiesu ċirkustanzi speċjali f'ċerti żoni.
- (16) L-Istati Membri huma meħtieġa jikkonfermaw id-delimitazzjoni ta' żoni fil-muntanji u żoni affettwati minn żvantaġġi speċifiċi, u jiddelimitaw żoni affettwati minn żvantaġġi naturali sinifikanti. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tiddefinixxi d-dispożizzjonijiet speċifiċi li skonthom dawn iż-żoni jiġu kkonfermati jew iddelimitati, sabiex jiġi żgurat li dan isir skont kriterji uniformi mill-Istati Membri kollha.
- (17) L-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora slava⁹, jesiġi li l-Istati Membri, bil-għan li titjieb il-koerenza ekoloġika tan-netwerk ta' Natura 2000, għandhom jippruvaw jinkoraġġixxu l-ġestjoni ta' karatteristiċi, li, minħabba l-istruttura lineari u kontinwa tagħhom jew il-funzjoni tagħhom bħala mezzi ta' passaġġ, huma essenzjali għall-migrazzjoni, it-tixrid u l-iskambju ġenetiku ta' speċijiet slavaġ. Żoni bħal dawn għandhom ikunu eliġibbli għal pagamenti ta' Natura 2000. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-pagamenti jibqgħu primarjament jintużaw għas-siti ta' Natura 2000 iddeżinjati, huwa xieraq li l-proporzjon tagħhom jiġi llimitat meta mqabbel maż-żoni tan-Natura 2000.
- (18) Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-għażla li jqijs nuqqas ta' konformità bħala xi ħaġa minuri jew li ma japplikax tnaqqis jew esklużjoni fejn l-ammont konċernat ikun anqas minn EUR 100, l-awtorità kompetenti ta' kontroll għandha, fis-sena ta' wara, tivverifika li l-bidwi jirrimedja s-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità konċernati. Madankollu, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, għandha titqies is-semplifikazzjoni tas-sistema ta' kontrolli ta' segwitu.
- (19) Kull Stat Membru huwa meħtieġ jistabbilixxi netwerk rurali nazzjonali. Sabiex ikun żgurat li d-diversi networks rurali nazzjonali jiġu stabbiliti b'mod koerenti u uniformi, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiffissa dettalji dwar l-istabbiliment u l-operat ta' dawk in-networks.
- (20) Sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni oġġettiva u trasparenti ta' approprijazzjonijiet ta' impenji disponibbli għall-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħmel analiżi annwali għal kull Stat Membru. Minħabba n-natura

⁸ COM(2009) 591, 28.10.2009.

⁹ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

speċjali ta' dawk l-atti, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadottahom mingħajr l-għajnun tal-kumitat ipprovdut fir-Regolament (UE) Nru XX/XXXX.

- (21) Sabiex titqies kompatibbli mas-suq intern, kull miżura ta' għajnuna għandu jkollha xi element ta' inċentiv jew tkun tesigħi kontroparti min-naħa tal-benefiċjarju. Għajnuna li tingħata b'mod retrospettiv ma tistax titqies li fiha l-element ta' inċentiv meħtieġ. Konsegwentement, fir-rigward tal-miżuri li jaqgħu taħt l-ambitu tal-Artikolu 42 tat-Trattat, għandu jiġi pprovdut li l-appoġġ jiġi eskluż għal attivitajiet li jkunu diġà twettqu qabel ma tintbagħat applikazzjoni għal appoġġ.
- (22) L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jwettqu kontrolli skont ir-regoli li għandhom jiġu ffixxati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' delega, notevolment rigward it-tip u l-intensità tal-kontrolli, adattati għan-natura tal-miżuri differenti ta' żvilupp rurali. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li tiffissa, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' kontrolli mill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex tkun żgurata eżekuzzjoni koerenti tal-kontrolli.
- (23) Għandu jitfassal netwerk komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Fl-interess tat-trasparenza, dan għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
- (24) L-Istati Membri huma meħtieġa li kull sena jibagħtu lill-Kummissjoni rapport annwali ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tagħhom ta' żvilupp rurali. Dettalji rigward ir-rapporti annwali ta' progress għal programmi speċifiċi għan-netwerks rurali nazzjonali għandhom ikunu ffixxati mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, biex ikun żgurat kontenut uniformi u komparabbli.
- (25) Għandha tkun stabbilita sistema ta' informazzjoni li tippermetti skambju sikur ta' dejta ta' interess komuni bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-operat ta' dik is-sistema.
- (26) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafu 2 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajnuna mill-FAEŻR u mill-Istati Membri tkun konsistenti mal-attivitajiet, il-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni. L-għajnuna mill-FAEŻR għandha tkun konsistenti mal-għanijiet tal-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali u b'mod partikolari ma' dawk tal-istrument ta' appoġġ tal-Unjoni għas-sajd. Sabiex jiġi żgurat li l-FAEŻR ikun konsistenti wkoll ma' strumenti oħra ta' appoġġ tal-Unjoni, il-

Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' delega, tistipula l-miżuri speċifiċi tal-Unjoni li magħhom għandha tiġi żgurata t-tali konsistenza."

(b) il-paragrafu 6 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"6. Ebda appoġġ skont dan ir-Regolament ma għandu jingħata lil skemi eliġibbli għal appoġġ taħt organizzazzjonijiet tas-suq komuni. Sabiex jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'żoni ta' programmar, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' delega, tadotta eċċezzjonijiet għal din ir-regola."

(2) Fl-Artikolu 12, għandu jidher il-paragrafu li ġej:

"3. Pjanijiet ta' strateġija nazzjonali jistgħu jiġu aġġornati matul il-perjodu ta' programmar. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula regoli rigward dawk l-aġġornamenti."

(3) Fl-Artikolu 13, il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni żewġ rapporti sommarji li jiddeskrivu l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' strateġija nazzjonali u l-għanijiet tiegħu u l-kontribut tiegħu għall-kisba ta' linji gwida strateġiċi Komunitarji. L-ewwel rapport għandu jintbagħat fl-2010 u t-tieni wiehded fl-2015, mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru.

2. Ir-rapport għandu jiddeskrivi b'mod partikolari:

(a) il-kisbiet u r-risultati tal-programmi ta' żvilupp rurali relattivi għall-indikaturi stabbiliti fil-pjan ta' strateġija nazzjonali;

(b) ir-risultati tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni li tinsab għaddejja għal kull programm."

(4) Fl-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tippreżenta żewġ rapporti li jagħtu fil-qosor l-iżviluppi, ix-xejriet u l-isfidi ewlenin b'rabta mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' strateġija nazzjonali u tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat fl-2011 u t-tieni wiehded fl-2016."

(5) L-Artikolu 18 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 3 għandu jidher is-subparagrafu li ġej:

"Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-preżentazzjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali."

(b) Il-paragrafu 4 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull programm ta' żvilupp rurali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Tista' wkoll, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistipula l-proċedura għal tali approvazzjoni."

- (6) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta deċiżjonijiet dwar talbiet għar-reviżjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali wara li tali talbiet jintbagħtu mill-Istati Membri.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tapplika proċeduri effiċjenti u proporzjonati, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' delega, tistipula r-regoli rigward il-bidliet li ma jeħtiġux approvazzjoni mill-Kummissjoni jew li jeħtieġu approvazzjoni mingħajr l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 91c.

Dispożizzjonijiet proċedurali għas-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-approvazzjoni ta' bidliet għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni."

- (7) Fl-Artikolu 20(d), il-punt (ii) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(ii) Appoġġ għat-twaqqif ta' gruppi ta' produttori;"

- (8) L-Artikolu 20a li ġej għandu jiddaħħal qabel is-Subtaqsima 1:

"Artikolu 20a

Kundizzjonijiet speċifiċi

Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u mmirat tal-fondi u sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti fit-trattament ta' benefiċjarji, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' delega, tadotta kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 20."

- (9) Fl-Artikolu 24(1), it-tieni subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Bħala minimu, is-servizz ta' konsulenza lill-bdiewa għandu jkopri rekwiżit wieħed jew aktar tal-ġestjoni statutorja u kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba pprovduti fl-Artikoli 5 u 6 u fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u, fejn rilevanti, standard wieħed jew aktar ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni."

- (10) Fl-Artikolu 32(1), il-punt (b) għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) ikun għal skemi tal-Unjoni għall-kwalità tal-ikel, jew għal dawk rikonoxxuti mill-Istati Membri li jkunu konformi ma' kriterji preċiżi ddefiniti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' delega, sabiex tiġi żgurata l-koerenza ta' din il-miżura mal-politika u l-prijoritajiet tal-UE. Skemi li l-għan waħdieni tagħhom ikun li jipprovdu livell oġġettiv ta' kontroll ta' ħarsien ta' standards obligatorji skont il-liġijiet tal-Unjoni jew nazzjonali ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ;"

- (11) Fl-Artikolu 33, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-appoġġ għandu jingħata lill-gruppi ta' produttori li jkunu magħmula minn operatori li jipparteċipaw b'mod attiv fi skema tal-kwalità tal-ikel kif imsemmi fl-Artikolu 32. Organizzazzjonijiet professjonali u/jew interprofessjonali li jirrappreżentaw settur wieħed jew aktar ma jistgħux jikkwalifikaw bħala 'gruppi ta' produttori'."

- (12) Fl-Artikolu 35, il-paragrafu 3 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"3. L-appoġġ għandu jingħata lil gruppi ta' produttori li jkunu rikonoxxuti uffiċjalment mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru sal-31 ta' Diċembru 2013. Madankollu, ma għandu jingħata l-ebda appoġġ għall-istabbiliment ta' gruppi ta' produttori fis-settur tal-frott u l-ħxejjex."

- (13) L-Artikolu 36a li ġej għandu jiddaħħal qabel is-Subtaqsima 1:

"Artikolu 36a

Kundizzjonijiet speċifiċi

Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u mmirat tal-fondi u sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti fit-trattament ta' benefiċjarji, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' delega, tadotta kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 36."

- (14) Fl-Artikolu 38, il-paragrafu 2 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"2. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu stipulat fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Sabiex jiġi evitat li l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 20(c)(i) u l-appoġġ ipprovdut fl-Artikolu 36(a)(iii) jikkoinċidu, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' delega, tistabbilixxi r-regoli rigward l-iżvantaġġi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi introdotti bid-Direttiva 2000/60/KE u tiffissa l-kundizzjonijiet fir-rigward tal-ammont ta' appoġġ annwali għal pagamenti b'rabta ma' dik id-Direttiva."

- (15) Fl-Artikolu 39(3), it-tieni subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Dawn l-impenji għandhom jitwettqu, bħala regola ġenerali, għal perjodu bejn ħames u seba' snin. Fejn ikun meħtieġ u ġġustifikat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova programmi ta' żvilupp rurali li jkunu ta' perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji."

- (16) Fl-Artikolu 40(2), it-tieni subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Dawn l-impenji għandhom jitwettqu, bħala regola ġenerali, għal perjodu bejn ħames u seba' snin. Fejn ikun meħtieġ u ġġustifikat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova programmi ta' żvilupp rurali li jkunu ta' perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji."

- (17) Fl-Artikolu 41, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Biex jibbenefikaw minn tali appoġġ l-investimenti konċernati ma għandhomx iwasslu għal xi żieda sinifikanti fil-valur jew fil-profitabilità tal-azjenda agrikola jew tal-forestrija."

- (18) Fl-Artikolu 43(1), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, 'bdiewa' tfisser persuni li jiddedikaw parti essenzjali mill-ħin tax-xogħol tagħhom għal attivitajiet agrikoli u li minnhom jaqilgħu parti sinifikanti tad-dħul tagħhom skont kriterji li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istat Membru."

- (19) Fl-Artikolu 47(1), it-tieni subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Dawn l-impenji għandhom jitwettqu, bħala regola ġenerali, għal perjodu bejn ħames u seba' snin. Fejn ikun meħtieġ u ġġustifikat, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova programmi ta' żvilupp rurali li jkunu ta' perjodu itwal għal tipi partikolari ta' impenji."

- (20) Fl-Artikolu 49, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Biex jibbenefikaw minn tali appoġġ l-investimenti konċernati ma għandhomx iwasslu għal xi żieda sinifikanti fil-valur jew fil-profitabilità tal-azjenda agrikola jew tal-forestrija."

- (21) L-Artikolu 50 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) Il-paragrafi 4 u 5 għandhom jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli li skonthom l-Istati Membri għandhom, fil-programmi tagħhom:

(a) jikkonfermaw id-delimitazzjoni eżistenti skont il-paragrafi 2 u 3(b) jew jemendawha, jew

(b) jiddelimitaw iż-żoni msemmija fil-paragrafu 3(a).

5. Iż-żoni agrikoli li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal pagamenti kif imsemmi fl-Artikolu 36(a)(iii):

(a) żoni agrikoli ta' Natura 2000 iddeżinjati skont id-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE;

(b) żoni oħra ddelimitati ta' ħarsien tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-biedja li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE;

(c) żoni agrikoli inklużi fi pjanijiet ta' ġestjoni ta' baċiri ta' xmajjar skont id-Direttiva 2000/60/KE."

- (b) Il-paragrafu 7 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"7. Iż-żoni ta' foresti li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal pagamenti kif ipprovdut fl-Artikolu 36(b)(iv):

(a) żoni ta' foresti ta' Natura 2000 iddeżinjati skont id-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE;

(b) żoni oħra ddelimitati ta' ħarsien tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għall-foresti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE."

(c) Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"9. Iż-żoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 5 u fil-punt (b) tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx, għal kull programm ta' żvilupp rurali, jaqbuż 5% taż-żoni ta' Natura 2000 koperti bl-ambitu territorjali tagħha."

(22) L-Artikolu 51 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-għażla msemmija fit-tieni subparagrafu, fis-sena ta' wara l-awtorità kompetenti għandha tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tivverifika li l-benefiċjarju jirrimedja s-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità konċernati. Is-sejba u l-obbligu li tittieħed azzjoni ta' rimedju għandhom ikunu nnotifikati lill-benefiċjarju."

(b) Fil-paragrafu 4, il-frażi introduttorja għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni koerenti ta' riduzzjonijiet u esklużjonijiet ta' pagamenti msemmija f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' delega, tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-prinċipji ta' trasparenza u proporzjonalità. F'dan il-kuntest għandhom jitqiesu s-severità, id-daqs, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità misjub, kif ukoll il-kriterji li ġejjin:"

(23) L-Artikolu 52a li ġej għandu jiddaħħal qabel is-Subtaqsima 1:

"Artikolu 52a

Kundizzjonijiet speċifiċi

Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u mmirat tal-fondi u sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti fit-trattament ta' benefiċjarji, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' delega, tadotta kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 52."

(24) Fl-Artikolu 53, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu 'membru tal-familja ta' azjenda agrikola' tfisser persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, ikun x'ikun l-istat legali mogħti lill-grupp u lill-membri tiegħu fil-liġi nazzjonali, bl-eċċezzjoni ta' ħaddiema ta' azjendi agrikoli. Fejn membru tal-familja ta' azjenda agrikola jkun persuna ġuridika jew grupp ta' persuni ġuridiċi, dak il-membru għandu jeżerċita attività agrikola fl-azjenda fiż-żmien tal-applikazzjoni għal appoġġ."

- (25) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 63a li ġej:

"Artikolu 63a

Kundizzjonijiet speċifiċi

Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u mmirat tal-fondi u sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti fit-trattament ta' beneficijarji, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' delega, tadotta kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 63."

- (26) L-Artikolu 66 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) Fil-paragrafu 2 għandu jżiddied is-subparagrafu li ġej:

"Biex tkun żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti tal-politika, il-prijoritajiet u l-liġijiet tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' delega, tadotta kundizzjonijiet dwar ir-rata ta' kontribuzzjonijiet għal għajjnuna teknika f'każ ta' programmi ta' żvilupp rurali li jkopru kemm lir-reġjuni eliġibbli skont l-Objettiv ta' Konverġenza u lir-reġjuni mhux eliġibbli skont l-Objettiv ta' Konverġenza, u dwar kundizzjonijiet għall-allokazzjoni ta' fondi għall-istabbiliment u t-tħaddim tan-network rurali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 68."

- (b) Fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' regoli ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar l-istabbiliment u t-tħaddim tan-network rurali nazzjonali."

- (27) Fl-Artikolu 69, il-paragrafu 4 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajjnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 91c, tagħmel analiżi annwali għal kull Stat Membru tal-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, wara li jitnaqqas l-ammont imsemmi fil-paragrafu 2, u wara li tqis:

(a) l-ammonti riżervati għal reġjuni eliġibbli skont l-Objettiv ta' Konverġenza;

(b) il-prestazzjoni tal-imġoddi; u

(c) sitwazzjonijiet u ħtiġijiet partikolari bbażati fuq kriterji oġġettivi."

- (28) Fl-Artikolu 70, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-Deċiżjoni li tadotta programm ta' żvilupp rurali għandha tistabbilixxi l-kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR għal kull assi. Sabiex l-Istati Membri jkun jista' jkollhom grad ta' flessibbiltà fir-rigward ta' bdil żgħir ta' finanzjament mill-FAEŻR fost l-assijiet, għandu jkun stabbilit limitu ta' flessibbiltà mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' delega. Id-Deċiżjoni għandha tidentifika b'mod ċar, fejn ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet allokat li lir-reġjuni eliġibbli skont l-Objettiv ta' Konverġenza."

(29) L-Artikolu 71 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu għandu jiġi ssostitwit bit-tieni u t-tielet subparagrafi li ġejjin:

"Nefqa ġdida miżjuda fil-waqt tal-emenda ta' programm imsemmi fl-Artikolu 19 għandu jkun eliġibbli mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-talba għal emenda tal-programm. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għan-nefqa bejn id-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-talba tagħhom għal emenda ta' programm u d-data tad-deċiżjoni li tapprova l-emenda.

F'każijiet ta' miżuri ta' emerġenza minħabba diżastri naturali, il-programmi ta' żvilupp rurali jistgħu jipprovdu li l-eliġibbiltà ta' nefqa relatata ma' bdil ta' programmi tista' tibda minn data aktar kmieni mid-data msemmija fit-tieni subparagrafu."

- (b) Fil-paragrafu 2, għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Fir-rigward tal-miżuri rilevanti li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 42 tat-Trattat għandu jingħata appoġġ biss għal nefqa li sseħħ wara li tkun intbagħtet applikazzjoni lill-awtorità kompetenti.

Madankollu r-rekwiżit stabbilit fit-tieni subparagrafu ma għandux japplika fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 20(a), l-Artikolu 20(b)(vi), l-Artikolu 20(c)(i) u (ii), l-Artikolu 20(d)(i) sa (iii), l-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u l-Artikolu 36(b)(i), bl-eċċezzjoni tal-kostijiet għall-istabbiliment skont l-Artikolu 36(b)(i).

- (c) Il-paragrafu 5 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Minkejja l-paragrafu 3(b), il-kontribuzzjoni mill-FAEŻR tista' ssir f'għamla oħra minbarra dik ta' għajjuna diretta li ma titħallasx lura. Sabiex ikunu żgurati l-użu effiċjenti u l-implimentazzjoni koerenti tal-FAEŻR u biex jiġiharsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' delega, tadotta kundizzjonijiet speċifiċi għall-kofinanzjament ta' sussidji ta' rati tal-imgħax u ta' strumenti oħra ta' inġinerija finanzjarja.

(30) Fl-Artikolu 74, il-paragrafu 4 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli skont regoli stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' delega, fir-rigward tal-prinċipji ta' kontrolli, sanzjonijiet, esklużjonijiet u l-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti, adattati għan-natura tal-miżuri differenti ta' żvilupp rurali biex tkun żgurata l-effiċjenza fl-applikazzjoni tagħhom u fit-trattament ugwali tal-benefiċjarji kollha. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' kontrolli mill-awtoritajiet tal-Istati Membri."

(31) Fl-Artikolu 78, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (f), 'proposta sostanzjali għal bidliet' għandha tkopri l-bidliet li għalihom tkun meħtieġa deċiżjoni mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għajr il-bidliet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2), kif ukoll bidliet fl-analiżi finanzjarja skont il-miżura fi ħdan assi, bidliet għall-introduzzjoni ta' miżuri ġodda u tipi ta' operazzjonijiet u l-irtirar ta' miżuri eżistenti u tipi ta' operazzjonijiet."

- (32) L-Artikolu 80 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 80

Qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

Il-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandu jiffassal b'kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u għandu jkun adottat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Il-qafas għandu jispjega għadd limitat ta' indikaturi komuni applikabbli għal kull programm."

- (33) Fl-Artikolu 82, il-paragrafu 4 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar rapporti annwali ta' progress għal programmi speċifiċi skont l-Artikolu 66(3)."

- (34) Fl-Artikolu 86, għandu jidher il-paragrafu li ġej:

"9. Sabiex ikun żgurat li jsiru evalwazzjonijiet skont l-iskeda ta' żmien iffissata f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' delega, tistabbilixxi l-penalitajiet xierqa għal nuqqas ta' ħarsien ta' dawn l-iskedi ta' żmien."

- (35) L-Artikolu 89a li ġej għandu jiddaħħal fit-Titolu IX:

"Artikolu 89a

Skambju ta' informazzjoni u dokumenti

Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni li tippermetti skambju sikur ta' dejta ta' interess komuni bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi għat-tħaddim ta' dik is-sistema."

- (36) L-Artikoli 90 u 91 għandhom jiġihassru.

- (37) Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli 91a, 91b u 91c li ġejjin:

"Artikolu 91a

Setgħat tal-Kummissjoni

Fejn jiġu kkonferiti kompetenzi lill-Kummissjoni, hija għandha taġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 91b, fil-każ ta' atti ta' delega, u skont il-

proċedura msemmija fl-Artikolu 91c, fil-każ ta' atti ta' implimentazzjoni, ħliet fejn b'mod espliċitu jiġi pprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament."

Artikolu 91b

Atti ta' delega

1. Is-setgħat biex tadotta atti ta' delega msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

Malli tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Id-delega ta' setgħa tista' tiġi rrevokata f'kull waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna għal deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi rrevokata d-delega ta' setgħa, għandha tagħmel li tista' biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tkun ittiegħet id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat ta' delega li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.

Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandu jkollha effett minnufih jew f'data wara speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ta' delega diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att ta' delega fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'[xahrejn].

Jekk mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjona għall-att ta' delega, huwa għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data indikata hemmhekk.

L-att ta' delega jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att ta' delega, l-att ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona l-att ta' delega għandha tagħti r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet tagħha.

Artikolu 91c

Atti ta' implimentazzjoni – Kumitat

[Din għandha timtela wara l-adozzjoni tar-Regolament li jistipula r-regoli u l-prinċipji ġenerali rigward il-mekkaniżmi ta' kontroll previsti fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE, li bħalissa qed jiġi diskuss mill-PE u mill-Kunsill.]

(38) Fl-Artikolu 92, il-paragrafu 1 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Jekk ikunu meħtieġa miżuri speċifiċi biex titħaffef it-tranżizzjoni mis-sistema fis-seħħ għal dik stabbilita b'dan ir-Regolament, tali miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' delega."

(39) Fl-Anness I, in-nota ta' referenza f'qiegħ il-paġna (***) għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"(***) Sabiex jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċjali li jeżistu f'Malta, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' delega, tistabbilixxi ammont minimu ta' għajjnuna għal setturi ta' produzzjoni li jipproduċu ftit ħafna."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		AGRI/II/Ares/2010/483446 (JGS/TM)	
		6.20.2010.6	
		DATA: 15/07/2010	
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: 05 04 05 01	APPROPRJAZZJONIJIET 2010: APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENJI (AI): EUR 14 335 536 182 APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMAENTI (AP): EUR 12 606 200 000	
2.	TITOLU: Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall- iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)		
3.	BAŻI LEGALI: -		
4.	GĦANIJET: L-allinjament tar-Regolament 1698/2005 mat-Trattat ta' Lisbona u l-implimentazzjoni ta' għadd ta' proposti ta' semplifikazzjoni bħala parti mill-eżerċizzju ta' semplifikazzjoni tal-PAK.		
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI (1)	PERJODU TA' 12 IL XAHAR (miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI 2009 (miljuni ta' EUR)
			SENA FINANZJARJA TA' WARA 2010 (miljuni ta' EUR)
5.0	NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (prezzijiet attwali) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	-	-
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-KE (LEVIES/DAZZI DOGANALI) - NAZZJONALI	-	-
5.0.1	NEFQA STMATA (prezzijiet attwali)	2011	2012
	AI	-	-
	AP	-	-
5.1.1	DĦUL STMAT	-	-
5.2	METODU TAL-KALKOLU:-		
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL- KAPITLI TAL-BAĠIT ATTWALI?		IVA LE
6.2	SE JKUN MEĦTIEĠ BAĠIT SUPPLEMENTARI?		IVA LE
6.3	SE JKUN MEĦTIEĠ LI JIDDAĦĦLU APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?		IVA LE
6.4	OĦRAJN		(2)
OSSERVAZZJONIJIET:			
(1) Fir-rigward tal-appropriazzjonijiet ta' impenji, l-emenda tar-Regolament 1698/2005 mhi se jkollha l-ebda impatt finanzjarju minħabba li l-envelop globali għall-iżvilupp rurali kif ukoll l-analiżi annwali tiegħu jibqgħu l-istess. Għall-appropriazzjonijiet ta' pagamenti, l-emenda mhi se jkollha l-ebda impatt finanzjarju meta titqies in-natura tal-emendi ewlenin proposti: allinjament mat-Trattat ta' Lisbona u s-semplifikazzjoni ta' piż amministrattiv għall-Istati Membri. Jista' jkun hemm ridistribuzzjoni minuri tal-pagamenti fuq terminu qasir biss f'każ ta' tliet emendi (estensjoni tal-kopertura ta' appoġġ għal operazzjonijiet amministrattivi ta' gruppi ta' produttori, estensjoni ta' Natura 2000 għal ċerti żoni ta' protezzjoni u l-introduzzjoni ta' element ta' inċentiv għall-miżuri taħt l-Artikolu 43 tat-Trattat) li l-impatt relattiv tagħhom fuq l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet baġitarji huwa insinifikanti.			

